A.L. 164 ta' l-1993

ATT DWAR IT-TARZNA TA' MALTA (KAP. 207)

Regolamenti ta' l-1993 dwar l-Istralċ ta' Bailey (Malta) Limited

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 19 ta' l-Att dwar it-Tarzna ta' Malta, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 dwar l-Istralċ ta' Bailey (Malta) Limited.

Provvedimenti speċjali għall-istralċ tal-kumpannija.

Kap. 168.

A.L. 37 ta' l-1966.

2. (1) Billi l-kumpannija f'likwidazzjoni Bailey (Malta) Limited, kif definita fl-Att dwar it-Tarzna ta' Malta, mhix reġistrata taħt l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali, peress li kienet ingħatatilha eżenzjoni bir-Regolamenti ta' l-1966 dwar it-Tarzna ta' Malta (Eżenzjoni), u billi bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar it-Tarzna ta' Malta u ta' ftehim sussegwenti l-Gvern ta' Malta issa huwa l-uniku azzjonista u l-uniku kreditur ta' l-imsemmija kumpannija, u konsegwentement huwa meħtieġ u spedjenti li jsir provvediment speċjali dwar il-konklużjoni ta' l-istralċ ta' l-imsemmija kumpannija, dak l-istralċ għandu jitlesta skond dan ir-regolament.

(2) L-istralċjarju ta' Bailey (Malta) Limited għandu jagħmel rendikont ta' l-istralċ, u ta' l-irċevuti u ħlasijiet tiegħu, verifikat kif imiss, u jikkonsenjah lill-Prim Ministru. L-imsemmi stralċjarju għandu wkoll jiddisponi mill-attiv tal-kumpannija skond kif il-Prim Ministru jista' jordna.

(3) Ma' l-approvazzjoni mill-Prim Ministru tar-rapport ta' l-istralċjarju u l-konklużjoni ta' l-istralċ tal-kumpannija kif provdut f'dawn ir-regolamenti, il-Prim Ministru għandu b'avviż fil-Gazzetta jiddikjara li l-kumpannija tkun ġiet hekk stralċjata; u ma' dan il-kumpannija Bailey (Malta) Limited tieqaf milli teżisti.

(4) L-istralċjarju għandu jikkonsenja l-kotba u d-dokumenti l-oħra tal-kumpannija lil dik il-persuna li l-Prim Ministru jista' jinnomina; u dawk il-kotba u d-dokumenti l-oħra għandhom jiġu konservati jew jintgħamel minnhom xort'oħra skond kif il-Prim Ministru jista' jordna.